**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 593/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Mohammed Yaseen Abraheem Alkanouni**

**Illum 14 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Mohammed Yaseen Abraheem Alkanouni**, bin Yaseen Alkanouni u Aziza xebba Salama, imwieled Tripli, il-Libja, fl-20 ta' Diċembru 1997, u detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 0189682A, talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, matul il-jum tat-13 ta' Settembru 2021 u fil-ġranet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u/jew kif ukoll b'xi mod li jkun, xjentement għen, jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat:

1. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'valur ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) bi ħsara ta' ħaddieħor, u cioè ta' Sound Machine Co. Ltd.;

2. U aktar talli bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè ta' Sound Machine Co. Ltd., għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ u cioè mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 b'valur ta' aktar minn elf Euro (€1,000), misruq, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

[1] Fol. 44 u 45 tal-proċess.

4. U aktar talli nstab fil-pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

5. U aktar talli mingħajr awtorizzazzjoni, ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lil Mohammed Yaseen Abraheem Alkanouni għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC6" a fol. 9 sa' 27 tal-proċess u Dok. "CC7" a fol. 49 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Saviour Abela[3] u ta' Clayton Busuttil[4] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 u rat id-dokumenti esebiti minn Saviour Abela markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA3" a fol. 58 sa' 60 tal-proċess u minn Clayton Busuttil markati Dok. "CB1" sa' Dok. "CB3" a fol. 67 sa' 79 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Emanuel Castagna[5], ta' PS408 Mark John Schembri[6] u ta' Ivan Curmi[7] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Emanuel Castagna markati Dok. "EC1" sa' Dok. "EC7" a fol. 160 sa' 179 tal-proċess u minn Ivan Curmi markat Dok. "IC" a fol. 185 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christabelle Chetcuti mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022[8] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC7" a fol. 204 sa' 214 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tas-Supretendent Robert Vella[9], ta' Mark Galea[10], ta' Jonathan Rodo[11] u ta' Stacey Tabone Vella[12] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022 u x-xhieda ta' PC335 Melvin Borg[13], tad-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna[14], ta' Daniel Bonnici[15], ta' Anthony Cassar[16] u ta' Kieron Sciberras[17] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022 u rat il-Procés-Verbal bin-Numru 207/2022 markat Dok. "SS" esebit minn Stefania Scicluna a fol. 244 tal-proċess u rat id-dokumenti esebiti minn Daniel Bonnici markati Dok. "DB1" sa' Dok. "DB15" a fol. 253 sa' 298 tal-proċess u minn Anthony Cassar markat Dok. "AC"

[2] Fol. 48 tal-proċess.

[3] Fol. 50 sa' 57 tal-proċess.

[4] Fol. 61 sa' 66 tal-proċess.

[5] Fol. 151 sa' 159 tal-proċess.

[6] Fol. 180 sa' 183 tal-proċess.

[7] Fol. 184 tal-proċess.

[8] Fol. 200 sa' 203 tal-proċess.

[9] Fol. 228 tal-proċess.

[10] Fol. 229 u 230 tal-proċess.

[11] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

[12] Fol. 233 sa' 235 tal-proċess.

[13] Fol. 241 u 242 tal-proċess.

[14] Fol. 243 tal-proċess.

[15] Fol. 245 sa' 252 tal-proċess.

[16] Fol. 299 sa' 302 tal-proċess.

[17] Fol. 304 sa' 306 tal-proċess.

a fol. 303 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[18] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata Dok. "KC" a fol. 309 sa' 572 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Janos Papp mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2022[19] u x-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023[20] u ta' Mark Bruno Olivier, in rappreżentanza tat-Theory Testing Centre, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023[21];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Awwissu 2023[22] permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 42(d), 308, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 310BA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 337Ċ(1)(f)(2)(3)(4), 337F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023[23], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, matul il-jum tat-13 ta' Settembru 2021 u fil-ġranet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u/jew kif ukoll b'xi mod li jkun, xjentement għen, jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat: (1) B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'valur ta' aktar minn €5,000 bi ħsara ta' ħaddieħor, u cioè ta' Sound Machine Co. Ltd.; (2) U aktar talli bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè ta' Sound Machine Co.

---

[18] Fol. 308A sa' 308E tal-proċess.

[19] Fol. 601 u 602 tal-proċess.

[20] Fol. 647 u 648 tal-proċess.

[21] Fol. 650 u 651 tal-proċess.

[22] Fol. 664 tal-proċess.

[23] Fol. 666 tal-proċess.

Ltd., għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ u cioè mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 b'valur ta' aktar minn €1,000, misruq, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (4) U aktar talli nstab fil-pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi; (5) U aktar talli mingħajr awtorizzazzjoni, ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Awwissu 2023[24], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 42(d), 308, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 310BA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 42(d), 337Ċ(1)(f)(2)(3)(4), 337F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Christabelle Chetcuti**[25] xehdet illi *nhar it-13 ta' Settembru tas-sena 2021 għall-ħabta tal-ħdax u għaxar minuti, l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara ġejna infurmati minn ċertu Emanuel Castagna, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur fil-ħanut bl-isem ta' Soundmachine, li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, illi ġewwa l-imsemmi ħanut kien hemm persuna maskili li mar biex jiġbor konsenja tikkonsisti f'għoxrin mobile phone tad-ditta Samsung Galaxy S10 u b'valur totali ta' kważi €18,000 u li qegħdin jissusspettaw li jista' jkun xi każ ta' frodi jew ta' xi serq. Il-Pulizija mill-Għassa tad-Distrett marru ġo l-imsemmi ħanut, immexxija mis-Surġent 408 Mark Schembri, ġie mitkellem ċertu Salvatore Mario Abela, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 237465(M), fil-kapaċità tiegħu ta' Operations Manager ta' l-istess ħanut, fejn indika lill-Pulizija li kellhom suspett li seta' kien qed jiġbor numru ta' konsenji oħra u li l-ħas tagħhom qatt ma kien sar. Dak il-ħin is-Surġent arresta lil ċertu Mohammed Yaseen Abraheem Alkanouni, ta' nazzjonalità Libjana, in-numru ta' l-Identità 0189682(A), fuq suspett ta' frodi u serq ta' mobile phone tad-ditta Samsung fost oħrajn, b'valur ta' iktar minn €40,000. Ġejt infurmata b'dan l-arrest fejn imbagħad eventwalment ġabuh l-Għassa ta' Birkirkara għal iktar stħarriġ. Ingħata d-drittijiet legali tiegħu u sadanittant, fl-istess jum, jiena tkellimt ma' Emanuel Castagna, direttur tas-Soundmachine, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 296772(M), fejn stqarr illi din kienet ir-raba' darba li l-individwu mar sabiex jiġbor konsenja ta' xogħol simili għal dik li kienet seħħet dak il-jum meta kien arrestat l-individwu. Wara li kienu għamlu xi verifiki min-naħa tagħhom, irriżultalhom illi*

[24] Fol. 664 tal-proċess.

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022, fol. 200 sa' 203 tal-proċess.

*għalkemm fuq is-sistema tagħhom, il-pagamenti tal-konsenji imsemmija kienu jidhru illi ġew imħallsa, effettivament il-pagamenti qatt ma kienu seħħew u qatt ovvjament ma daħlu fil-kontijiet bankarji tal-kumpanija. Huwa żied jgħid illi x'aktarx kien hemm xi tip ta' hacking li xi ħadd daħal fis-sistema ta' l-online payment tagħhom u li t-transaction kienu qed jagħmluha b'mod li tidher illi qisha saret imma mentri ma kinitx tkun qed issir bażikament. Is-Sur Castagna stqarr illi l-website tal-ħanut tiegħu ta' Soundmachine hija amministrata minn kumpanija bl-isem Cyberspace u is-sistema tal-pagamenti online jiġu pproċessati mill-kumpanija bl-isem ta' Apco Fast Pay.*

L-Ispettur Chetcuti xehdet li a bażi ta' din l-informazzjoni hija kienet infurmat lill-Maġistrat ta' l-Għassa dakinhar, il-Maġistrat Dr. Noel Bartolo, u kienet infetħet Inkjesta Maġisterjali. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat ġew elevati mobile phone ta' l-għamla Apple iPhone ta' kulur rose gold, mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy ta' kulur ised u power bank bic-charger u charging cable. Ta' dan inħarġet riċevuta lill-imputat bin-numru 7076[26]. Dawn id-devices ingħataw lill-Espert Tekniku Keith Cutajar - riċevuta relattiva numru 7077[27] - għal iktar analiżi. Min-naħa ta' Soundmachine l-Ispettur ingħatat id-dokumentazzjoni relattiva għall-konsenji rapportati minnhom, liema dokumentazzjoni ġiet esebita minnha markata Dok. "CC4" u Dok. "CC5" a fol. 207 sa' 210 tal-proċess.

L-Ispettur Chetucti stqarret ulterjorment illi *s-Sur Alkanouni kien infurmat bid-drittijiet tiegħu, xtaq li jieħu l-parir mingħand Dr. Lennox Vella u eventwalment ittieħdet stqarrija*[28]*. Waqt l-istqarrija s-Sur Alkanouni kkopera tista' tgħid magħna, stqarr min-naħa tiegħu illi on the day ta' l-arrest kien mar u ġabar 20 mobile phone tad-ditta Samsung mas-Soundmachine, stqarr illi ma kienx hu li għamel l-ordni u li daqs 4 xhur qabel kien iltaqa' ma' persuna x'imkien San Ġiljan u kien talbu biex imur jiġbor xi ordnijiet iżda ma kienx jaf x'jismu. Stqarr illi kien laħaq ġabar 3 ordnijiet u li r-raba' darba kien meta seħħ l-arrest, stqarr li kien iltaqa' miegħu sabiex jgħaddilu l-ordnijiet f'diversi postijiet, waħda minnhom kienet f'Tas-Sliema quddiem il-kumpless ta' Zara, kien hemm okkażjoni oħra fejn il-konsenja għaddihielu viċin is-Soundmachine stess fil-main road u kien hemm okkażjoni oħra fejn il-konsenja għaddihielu fejn il-ħanut bl-isem ta' Eat Well li jinsab ġewwa San Ġwann. Meta mistoqsi x'kien ħallsu ta' dawn id-deliveries, kien stqarr illi kien tah mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip3 illi huwa wieħed mill-mobile phones li nġabar mis-Soundmachine stess u huwa l-istess mobile phone li kien fil-pussess tiegħu meta ġie arrestat u li sussegwentement ġie mgħoddi lill-espert tal-Qorti. Stqarr illi meta kien imur is-Soundmachine kien jurihom li hemm email b'isem ta' mohammedla.wez@gmail.com li infatti tidher fuq dokument li ppreżentajt stess, din l-email. Kien jurihom din l-ordni f'dak l-email address u kien jiġbor l-ordnijiet bażikament. Tana informazzjoni ta' ma' min kien jiltaqa', qal illi dan kien jagħmel użu minn vettura ta' l-għamla Range Rover ta' kulur griż, jaf li n-number plate kien bin-numru TQZ u li mbagħad aħna min-naħa tagħna jiġifieri għamilna l-istħarriġ u ikkonfermajna illi l-persuna huwa ċertu Munir Zubir illi bħalissa jiġifieri għax ma nstabx il-persuna, inħareġ anke Mandat t'Arrest fil-konfront ta' l-istess individwu, biss s'issa għadu ma nstabx. Mill-mobile phone tiegħu wkoll, li issa eventwalment jiġu ppreżentati xi chats min-naħa tal-Court Expert, irriżulta wkoll illi dak l-istess mobile phone li kien ingħata lilu qisu bħala ħlas, ipprova jbiegħu wkoll lil terzi għall-ammont*

[26] Dok. "CC2" a fol. 205 tal-proċess.

[27] Dok. "CC3" a fol. 206 tal-proċess.

[28] Dok. "CC3" a fol. 11 sa' 14 tal-proċess.

*ta' €800. Sar anke stħarriġ biex jinġabu l-filmati tal-postijiet fejn kienu qegħdin jiltaqgħu sabiex jgħaddilu l-konsenji u cioè fejn Zara, Tas-Sliema, San Ġwann fejn l-Eat Weel u fil-viċinanzi tas-Soundmachine. Min-naħa ta' Soundmachine wkoll ġejna mgħoddija elenku ta' l-ordnijiet illi ġew miġbura u li tagħhom tawna anke s-serial numbers ta' kull oġġett*[29] *u li dwarhom bħalissa wkoll għaddejja speċi ta' investigazzjoni min-naħa tas-service providers biex nippruvaw forsi jkollna xi hit.* L-Ispettur ikkonfermat li sa' dak l-istadju l-oġġetti miġbura mill-imputat mill-ħanut Soundmachine kienu għadhom ma instabux u b'hekk kienu għadhom ma ġewx ritornati lura.

**PS408 Mark John Schembri**[30] essenzjalment ikkonferma dak kollu affermat mill-Ispettur Christabelle Chetcuti fir-rigward tar-rapport li daħal dwar is-Soundmachine fit-13 ta' Settembru 2021 u l-arrest ta' u tfittxija fuq l-imputat. Huwa stqarr ukoll illi *meta kien ġie mitkellem il-persuna* [ossia l-imputat] *kien qal illi ma jafx illi l-ordnijiet li kien imqabbad minn persuna oħra li semmejt biex jiġborlu l-ordnijiet però qal li ma kienx jaf li ma kienux imħallsa. Fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur, jien ukoll irrikorrejt fi 3 postijiet differenti biex nikkonfermaw xi CCTV footage, ġie konfermat ukoll illi dakinhar il-persuna kien qalilna illi jaħdem mal-kumpanija Bolt delivery u b'hekk qal li kien qed jiġborlu l-affarijiet ukoll u l-mutur dakinhar ħallieh ipparkjat distanza kemm xejn twila il-bogħod mill-ħanut, fejn l-MF Electrics, iktar qabel lejn il-Ħamrun. Morna wkoll Tas-Sliema u San Ġwann, żewġ postijiet partikolari biex nippruvaw nelevaw xi filmati wkoll … għaliex kien qal li hemmhekk kien iltaqa' biex għamel exchange ta' l-affarijiet, biex ta l-affarijiet li kien ġabar lill-persuna msemmija Mounir Zoubair, li kien qed jaħdem għalih.*

Is-Surġent Schembri kkonferma li d-dokument markat Dok. "CC4" a fol. 15 sa' 19 tal-proċess huwa r-rapport li kien għamel huwa stess fir-rigward tal-każ in eżami.

**Emanuel Castagna**[31], is-sid u CEO tal-kumpannija Sound Machine Company Limited, xehed illi *aħna għandna website li ovvjament jidħlu u jixtru online u għandna sistema li tikkontrolla li hija Apco, jiġifieri aħna once li klijent jixtri, aħna nirċievu messaġġ li l-flus ok għaddew u nistgħu nagħtu l-prodott lill-persuna li xtraha ovvjament. Nistgħu nagħmlu delivery jew inkella jiġu jiġbruhom, jagħmlu pick up. F'dan il-każ il-klijent daħal fuq is-sistema, l-ewwel beda jordna ammonti żgħar, biex niftehmu taħt l-€1,000 għalina, imbagħad f'daqqa beda jordna ammonti ta' €5,000 u €8,000 però aħna konna qed nirċievu l-messaġġ mingħand l-Apco li ok il-payment għadda u nistgħu nagħtuh ix-xogħol and this was in the weekend biex niftehmu. Dawn bdew Friday, Saturday, Sunday … fis-7 ta' Settembru tas-sena 2021 daħlet waħda mill-ordnijiet … imbagħad fl-istess ġurnata reġgħu xtraw mobile u xtraw sound tower, qisu sound bar biex niftehmu, ta' €900 u l-istess irċevejna messaġġ aħna mingħand il-kumpannija, noħorġu l-invoice fiskali, jiġu jiġbruhom u jiffirmawlna. … On Monday jew Tuesday, ma niftakarx ngħidlek eżatt, ġejna nfurmati illi hemm xi transactions li m'għaddewx mill-Apco u aħna xegħlna il-floodlights u għidna "x'ġara?" u għidna li I mean aħna għandna l-messaġġ li se nitħallsu u morna, għax jista' jkun li xi ħadd daħal x'imkien u bagħbas is-sistema tal-payments imma aħna qatt ma ġralna xi ħaġa hekk. Kellhom orndi li saret u għadha ma inġabritx u allura aħna, kif konna nafu illi dan il-persuna si jiġi jiġbor, infurmajna lill-Pulizija li hemm possibilità li jiġi dan il-persuna jiġbor. Fir-realtà,*

---

[29] Dok. "CC6" a fol. 211 u 212 tal-proċess.

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022, fol. 180 sa' 183 tal-proċess.

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022, fol. 151 sa' 159 tal-proċess.

*jekk mhux sejjer żbaljat, sakemm ġew il-Pulizija, dan il-persuna kien qiegħed hemmhekk ġol-ħanut u qbadnieh litteralment sort of red-handed qiegħed jiġbor kaxxa li l-valur tagħha kien se jkun 20,000.* Mistoqsi meta kien dan, Emanuel Castagna wieġeb *fit-13 ta' Settembru tas-sena 2021 għamel l-ordni fl-09:56. Jiena naħseb li pprova jiġborha fl-istess ġurnata għax hawnhekk għandna 'not collected'.*

Mistoqsi jekk dakinhar tax-xhieda tiegħu fl-Awla setgħax jagħraf lil min kien ġabar l-oġġetti ordnati, Emanuel Castagna wieġeb fin-negattiv iżda xehed illi *kien hemm persuna li ġie nhar is-Sibt nahseb 11th u dan beda jkellimni kemm għandu bżonn iktar, jiġifieri ġie jiġbor xi xogħol dan u beda jgħidli "Aħna issa se niftħu uffiċini Malta, ħa nixtru ħafna affarijiet" jiġifieri riedu xi 50 television u jien immaġina ilni 30 sena fil-ħanut, jiġifieri biex kważi kważi bniedem jidhak bija f'wiċċi, ci vuole. Imma anke lili dan impressjonani u għidtlu "isma, se nagħtik il-card tiegħi" u tajtu l-card tiegħi u għidtlu li jekk ikollu bżonn jitkellem miegħi direttament, għidtlu "Ħa nagħmillek prezz tajjeb", qalli "aħna inħallsu dejjem u aħna xtrajna ħafna mingħandek". Qalli "xtrajna ħafna mobiles, ara ġejt niġbor kaxxa" u jien għidt "ara dan klijent tajjeb" u … tieħu pjaċir bi klijent li jonfoq €10,000, €15,000. Beda jurini wkoll Excel sheet ta' kemm-il prodott għandhom bżonn fl-uffiċini, kemm se jaqdu nies u jiena impressjonani ngħidlek il-verità. Kellu jiġi jiltaqa' miegħi Monday u ovvjament ma ġiex għax imbagħad bagħat lill-persuna l-oħra tiġbor l-items illi ordnaw.* Castagna stqarr li dan il-persuna ma' min kellu din id-diskursata ma kienx l-imputat.

Fir-rigward ta' kif setgħu seħħew dawn l-ordinijiet li in segwitu rriżultaw li ma kienux imħallsa, Emanuel Castagna xehed *skond l-Apco kien hemm moviment minn dan it-tip li dawn daħlu fuq is-sistema għax aħna ovvjament għamilna l-investigation tagħna wkoll u qalulna illi dan il-persuna, ħalli nispjegahielek daqsxejn b'mod sempliċi, dan ikollok numru bħall-IBAN inti li jkun twil immens però bejn 'order failed' u 'order processed - new order', kulma jkun hemm dak it-tul kollu, ikun hemm xi 3 jew 4 ittri li jinbidlu. Dawn milli jidher studjaw dik is-sekwenza, daħlu mit-tieqa biex niftehmu, tas-sistema tas-Cyberspace u biddlu dik. Allura aħna bdejna nirċievu l-messaġġ, waqt li l-Apco qed tibgħat il-messaġġ 'order failed', huma bdew jibgħatu through Cyberspace li it is a 'processed order' u aħna dawn ikollna mijiet fix-xahar. Jiġifieri la hemm new order aħna paid u processed.*

Emanuel Castagna ppreżenta d-dokumentazzjoni relattivia għall-ordnijiet kollha li saru bejn is-7 ta' Settembru 2021 u t-13 ta' Settembru 2021, markati bħala Dok. "EC1" sa' Dok. "EC7" a fol. 160 sa' 179 tal-proċess.

**Saviour Abela**[32], inkarigat mill-operat tas-soċjetà Sound Machine Company Limited, xehed illi fit-13 ta' Settembru 2021, is-CEO tal-kumpannija, Emanuel Castagna, infurmah li kienet daħlet ordni oħra, għaliex già kien kellhom diversi, għal bejgħ ta' ċertu importanza u qallu li din il-kwistjoni ma kenitx qed togħġbu u b'hekk kellhom joqgħodu attenti għalihom. Infurmah ukoll li minn indaġini li għamel, irriżulta li l-pagamenti għal xi ordnijiet preċedenti għal dik tat-13 ta' Settembru 2021 in verità ma kienux għaddew. X'ħin kien qiegħed l-uffiċċju tiegħu dakinhar stess tat-13 ta' Settembru 2021, sales person ġewwa il-ħanut infurmah li l-persuna li kien jiġbor dawn l-ordnijiet kien dak il-ħin fil-ħanut għall-ordni li daħlet dakinhar stess. Meta vverifika li s-sales person għaraf lil din il-persuna b'ċertezza, għarraf lis-CEO li qallu biex jinforma lill-Pulizija. Safrattant huwa kkonferma li għalkemm it-transazzjoni kienet

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, fol. 50 sa' 57 tal-proċess.

tidher li għaddiet u b'hekk setgħet tiġi ppreparata l-fattura għall-fini ta' konsenja, in verità l-pagament għall-ordni ma kienx għadda.

Abela spjega li dawn kienu ordnijiet li jsiru *online* fuq il-Website tal-ħanut li kienet amministrata mid-ditta Cyberspace filwaqt li t-transazzjonijiet u verifiki tal-pagamenti kienu jsir tramite ditta oħra jisimha Apco. Huwa spjega s-sistema fis-sens illi *Cyberspace qed turi li hemm l-oġġett għall-bejgħ u l-interess ta' l-individwu biex jixtri jgħaddi through Cyberspace. Is-Cyberspace qisha tgħaddi d-dettalji tal-credit card jew kollox jew once illi hu jibda biex jipproċessa l-pagament, tgħaddih lill-Apco u l-Apco tiċċekkja. l-Apco tibgħat sinjal jekk il-pagament ġiex ikkatturat u s-Cyberspace tibgħatilna sinjal li tgħidilna sale ta' suċċess jew sale mhux ta' suċċess.* Fir-rigward tal-kwistjoni li nqalgħet, illi huma skoprew x'kien qed jiġri eżatt fit-13 ta' Settembru 2021, Saviour Abela xehed illi *f'dan il-każ kien hemm transazzjonijiet għax infatti anke imbagħad meta mort lura, kif juru dawn id-dokumenti* - Dok. "SA1" sa' Dok. "SA3" a fol. 58 sa' 60 tal-proċess - *kien hemm diversi transazzjonijiet li kienu fallew, mhijiex l-ewwel darba, jiġifieri individwu normali tista' tfallilu transaction, mhux problema, jerġa' jipprova, imbagħad tkun ta' suċċess. F'dan il-każ kellu falliment imbagħad tidher toħroġ ta' suċċess u jien nirċievi s-sinjal illi hija ta' suċċess, però meta mbagaħd niċċekkja f'dak illi huwa l-Apco, il-proprja fejn hemm it-transaction tal-pagament, tinduna li din hija falluta. Issa ngħid ukoll illi aħna ma niddependux biex noqgħodu nidħlu fuq l-Apco regolarment għax dak huwa l-backend tagħna, huwa sempliċement, jiena infatti nidħol fih normalment biex nipproċessa meta jkun hemm xi reinstatement of payment jiġigieri xi ħadd jikkanċella sale li huwa bid-dritt illum il-ġurnata u kollox u allura jien nidħol fiha biex nipproċessa l-pagament lura, dak nieħu ħsiebu jiena biss.* Fir-rigward ta' ordnijiet li dehru li l-pagament għadda b'suċċess iżda imbagħad irriżulta li l-pagament ma ġiex effettwat, Abela stqarr li dan kien qed isir minn madwar erba' individwi li kellhom numru ta' karti ta' kreditu, hekk kif jirriżulta mid-dokument markat Dok. "SA2" a fol. 59 tal-proċess.

Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li twaqqaf dakinhar tat-13 ta' Settembru 2021 ġewwa l-ħanut Soundmachine u kkonferma li tramite l-filmati tas-sistema ta' CCTV cameras għarfu wkoll bħala l-persuna li ġabar uħud mill-ordnijiet in kwistjoni, fosthom dik ta' l-10 ta' Settembru 2021 fejn il-valur ta' l-oġġetti miġbura kien ta' €24,683, retail price. Il-valur tal-konsenja tat-13 ta' Settembru 2019, li ma saritx għaliex l-imputat twaqqaf, kien ta' €17,980, retail price. Mid-dokument Dok. "SA2" esebit minn Saviour Abela a fol. 59 tal-proċess jirriżulta li l-konsenji li saru bejn is-7 ta' Settembru 2021 u t-13 ta' Settembru 2021 kellhom is-segwenti valuri: 7 ta' Settembru 2021 - €918.00, 9 ta' Settembru 2021 - €5,394.00, 10 ta' Settembru 2021 - €24,683.00 u 13 ta' Settembru 2021 (il-konsenja li ma inġabritx) - €17,980. Abela stqarr li mill-oġġetti miġbura fis-7, 9 u 10 ta' Settembru 2021, ma ġie rkuprat xejn.

Il-fatturi relattivi għall-ordnijiet mertu ta' dawn il-proċeduri ġew esebiti minn **Clayton Busuttil**[33], impjegat fis-Sales Department tal-ħanut Soundmachine. Stqarr illi l-ordnijiet relattivi għal dawn il-fatturi saru minn ċertu Mohammed Glawez u l-ordnijiet kienu: tas-7 ta' Settembru 2021, fattura bin-numru 10192566 - speaker u tablet għall-valur komplessiv ta' €918, tad-9 ta' Settembru 2021, fattura numru 10192624 - sitt mobiles ta' l-għamla Samsung għall-valur komplessiv ta' €5,394, ta' l-10 ta' Settembru 2021 fattura numru 10192657 - mobiles għall-valur komplessiv ta' €24,683 u tat-13 ta' Settembru 2021, mingħajr order number in kwantu ma ġietx proċessata - għoxrin mobile għall-valur komplessiv ta' €17,980. Busuttil ikkonferma li l-imputat huwa l-

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, fol. 61 sa' 66 tal-proċess.

persuna li twaqqaf fil-ħanut dakinhar tat-13 ta' Settembru 2021 u li kien ġabar il-konsenji preċedenti. Bħala proċedura għall-ġbir ta' l-oġġetti, huwa spjega li min jiġi jiġbor l-oġġetti juri *confirmation email* li t-transazzjoni tkun għaddiet u kkonferma li l-imputat kien jurihom tali *confirmation emails* sabiex jiġbor l-oġġetti relattivi.

Mid-dokumenti esebiti minn Clayton Busuttil jirriżulta s-segwenti:

- Id-dokumenti markati Dok. "CB1"[34] juru li l-ordni tas-7 ta' Settembru 2021 għal Samsung Galaxy Tab S6 Lite għall-valur ta' €469.00 u Samsung MX-T70 Sound Tower għall-valur ta' €449.00 ma għaddietx darbtejn iżda imbagħad mat-tielet darba għaddiet u b'hekk ħarġet il-fattura relattiva bin-numru 10192566;
- Id-dokumenti markati Dok. "CB2"[35] ukoll juru li l-ordni tad-9 ta' Settembru 2021 għall-sitt mobile phones ta' l-għamla Samsun mudell Galaxy S10+ 512GB għall-valur komplessiv ta' €5,394.00 ma għaddietx darbtejn iżda mbagħad mat-tielet darba għaddiet u b'hekk ħarġet il-fattura relattiva bin-numru 10192624;
- Id-dokumenti markati Dok. "CB3"[36] juru li l-ordni ta' l-10 ta' Settembru 2021 għal tmien mobiles ta' l-għamla Samsung mudell Galaxy Fold3 5G 256GB għall-valur komplessiv ta' €14,792.00 u disa' mobiles ta' l-għamla Samsung mudell Galaxy Flip3 5G 128GB għall-valur komplessiv ta' €9,891 ma għaddietx l-ewwel darba iżda mat-tieni darba għaddiet u b'hekk ħarġet il-fattura relattiva bin-numru 10192657;
- Id-dokumenti markati Dok. "CB4"[37] juru li l-ordni tat-13 ta' Settembru 2021 għal għoxrin mobile ta' l-għamla Samsung mudell Galaxy S10+ 512GB għall-valur komplessiv ta' €17,980 għall-ewwel ma għaddietx iżda għaddiet mat-tieni tentattiv, madanakollu l-fattura ma nħarġitx peress illi dakinhar indunaw x'kien qed jiġri.

**Mark Galea**[38], impjegat fil-ħanut Soundmachine, xehed illi *kienu jidħlu dawn l-ordnijiet mill-website bħas-soltu u bħal kuljum prattikament. … Orders ta' mobiles, sales ta' order ta' mobile phones Samsung. Jidħlu l-ordnijiet prattikament, aħna nippreparawhom, naraw li ovvjament is-sistema tgħidilna li huma mħallsin, jidhru mħallsin mis-sistema ta' l-Apco tgħidilna li mħallsin, ovvjament aħna nippreparaw l-orders, jiġi jiġborhom il-klijent, jiffirma u jeħodhom.* Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li ġie jiġbor l-ordnijiet in kwistjoni u li kien mar jiġbor ordnijiet tlett darbiet żgur.

**Stacey Tabone Vella**[39], impjegata fl-accounts department tas-Soundmachine, stqarret li darba minnhom Emanuel Castagna kien staqsiha biex tivverifika jekk konsenja partikolari, li kien hemm xi ħadd li ġie jiġborha, kenitx imħallsa. Minn verifika li għamlet dak il-ħin stess irriżulta li dik il-konsenja partikolari ma kenitx imħallsa. Stqarret illi *mbagħad hemmhekk tela' s-suspett biex niċċekkjaw l-orders ukoll li kien hemm ta' qabel u kien hemm xi orders oħrajn li kienu għadhom iridu jippikkjaw ruħhom fuq ismijiet oħra, dħalna lura u ma kienux tħallsu. Konna rċevejna email li dehret li tħallset li jirċievu s-salesmen imma imbagħad min-naħa ta' l-Apco Pay, tas-sistema tal-credit cards, ma kinitx għaddiet.* Stqarret li dawn il-verifiki saru għax-xahar ta' Settembru 2021.

34 Fol. 67 sa' 70 tal-proċess.

35 Fol. 71 sa' 74 tal-proċess.

36 Fol. 75 sa' 77 tal-proċess.

37 Fol. 78 u 79 tal-proċess.

38 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022, fol. 229 u 230 tal-proċess.

39 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022, fol. 233 sa' 235 tal-proċess.

Dwar id-dokumenti markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA3" a fol. 58 sa' 60 tal-proċess, **Stacey Tabone Vella** xehdet illi d-dokument markat Dok. "SA1" huwa *l-Excel li nirċievi mingħand l-Apco Pay li turi t-transazzjonijiet jekk ikunux għaddew jew le, jiġifieri f'kolonna minnhom ikollok in-"No" u l-"Yes". In-"No" meta tkun m'għaddietx u l-"Yes" li tkun vera għaddiet jiġifieri bħala approvata u jekk tara ħafna minnhom jippruvaw multiple times, jgħaddu minn ħafna credit cards differenti, jiġifieri tarahom "no" imma mbagħad kien hemm dik il-waħda li tgħaddi "yes", għaddew vera proprja imma mbagħad hemm ħafna minnhom li kienu "no" imma aħna konna bqajna xorta nirċievu l-email li ġiet approvata. Imma aħna din l-Excel, mhux kull order illi tidħol mill-website niċċekkjawjom. Fil-fatt, jiena normalment niċċekkjaha l-iżjed meta nkun qed nagħmel il-bank. ... Imbagħad meta nagħmel ir-reconciliation niċċekkjaha mbagħad waħda waħda kull persuna imma peress li l-order tiegħu kienet ammont sostanzjali, dħalna dakinhar biex niċċekkjaw jekk vera għaddietx.* Fir-rigward tad-dokument markat Dok. "SA2" xehdet illi ppreparatu hi u huwa *l-orders tagħhom li għaddew jekk għaddietx it-transaction jew le. Fejn huma hawnhekk highlighted huma t-transactions li laħqu ħadu bħala prodotti mix-xogħol. Imbagħad hawnhekk għandek l-ewwel kolonna qiegħda l-order number tal-website tagħna, imbagħad il-full name u d-delivery name huma x'kien daħħal fuq il-website biex jinġabru, l-order date meta ħarġet, l-Apco Pay transaction number li konna sibna mid-dokument l-ieħor u l-invoice number li konna ħriġna aħna, bħala salesman li kien ħareġ biex hu jkun jista' joħroġ ix-xogħol. Imbagħad hawnhekk miktub jekk hux goods collected jew le, eżempju fejn il-'Y' hemm 'yes" u l-ittra 'N' tfisser 'no'. Fejn kien hemm 'L', in-'no' għaliex imbagħad indunajna x'kien qed jiġri u f'dan il-każ ma tajnihomlux* u fir-rigward tad-dokument markat Dok. "SA3" xehdet illi *dan id-dokument huwa l-istess ta' l-Apco Pay imma minflok il-full fejn hemm id-dettalji ta' ħaddieħor li kienu għaddew sew, hemm tagħhom biss, it-transactions li ma kienux għaddew.*

Mid-dokument markat Dok. "SA2" jirriżulta li t-transazzjonijiet li saru minn Mohammed Glawez, l-isem abbinat ma' l-ordnijiet ta' l-oġġetti miġbura mill-imputat, bejn is-7 ta' Settembru 2019 u l-10 ta' Settembru 2019, kienu jammontaw komplessivament għal €30,995 u l-oġġetti ordnati fit-13 ta' Settembru 2021 iżda li ma laħqux ġew miġbura kienu jammontaw għal €17,980.

**Daniel Bonnici**[40], Head of Operations ta' Apco Systems Limited, xehed illi fl-14 ta' Settembru 2021 għamel kuntatt miegħu Saviour Abela minn Soundmachine *biex jirrapporta li jista' jkun hemm xi transactions illi aħna tajnieh illi kienu approved meta fil-verità jista' jkun li kien il-każ li ma kienux aċċettati. ... wara li s-Sur Saviour Abela għamel din it-telefonata aħna bdejna l-istħarriġ tagħna min-naħa tagħna internament, però fl-istess ġurnata, għal xi l-ħamsa u nofs, ċempel xi ħadd Tony Cassar mis-Cyberspace li huwa s-supplier tas-Soundmachine mil-lat tekniku, fejn qisu reġa' għamel l-istess claim illi jista' jkun hemm xi transactions illi mhux qed naqblu fuq l-istatus tagħhom. Sadanittant, ovvjament, aħna internament bdejna l-proċess biex niċċekkjaw dawn it-transactions illi ġew irrapportati għandna u mill-ewwel indikazzjonijiet kien jidher illi dawn it-transactions, kien hemm sitta partikolari, aħna qed narawhom bħala 'declined'. Jiġifieri fis-sistema tagħna, aħna rċevejna mingħand il-bank li dawn it-transactions ġew declined. Biex nispjega ftit il-proċess b'mod tekniku ta' x'jiġri, bażikament aħna nirċievu request mingħand il-klijent tagħna, il-klijent tagħna huwa l-merchant jiġifieri f'dan il-każ huwa*

---

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022, fol. 245 sa' 252 tal-proċess.

*Soundmachine, request għat-transaction. F'din ir-request, tkenika ovvjament, jiġifieri through API call b'mod tekniku, ikun hemm li l-website rċeviet request biex tiġi pproċessata t-transaction b'ċertu valur u hemm ċertu persuna. Min-naħa tagħna, is-sistema tagħna, taqbad ma' bank, illi l-bank ikollu wkoll agreement mal-merchant tagħna, li huwa s-Soundmachine f'dan il-każ, u aħna ngħaddu it-transaction b'mod tekniku lill-bank. Il-bank jieħu ħsieb il-lat finanzjajru u aħna nieħdu ħsieb il-lat tekniku. Min-naħa tiegħu l-bank li jagħmel huwa li jiċċekkja l-card ta' liema brand hi, jiġifieri jekk hux VISA, Mastercard eċċ u jikkuntattja lil din l-entità, jekk eżempju hija VISA, il-VISA, jiċċekkjaw mal-bank li ħareġ il-card, jiġifieri mal-bank tal-klijent, il-klijent ta' Soundmachine f'dan il-każ. Il-bank tal-klijent jagħti l-go ahead jekk it-transaction tistax tiġi pproċessata jew le u skond ir-risposta li jagħti, jerġa' jibgħatha lill-bank tal-merchant, Soundmachine, u l-bank tal-merchant jerġa' jgħaddiha lilna biex aħna nerġgħu nagħmlu update tas-sistema tal-merchant. Issa f'dan il-każ, aħna rċevejna ir-request, bgħattniha lill-bank u r-risposta tal-bank kienet illi t-transaction ġiet declined. F'dan il-proċess kollu ovvjament hemm ċertu security features in place biex ovvjament kemm jista' jkun, dan il-proċess ikun as secure as possible. B'mod tekniku tissejjaħ li hemm proċess ta' security ta' signature jiġifieri aħna meta jkollna merchant ġdid illi jibda jaħdem magħna nipprovdulu profile ID u secret word. Dawn it-tnejn combined flimkien jagħmlu dan il-proċess illi għadni kemm spjegajt secure. Jiġifieri biex aħna nirċievu r-request il-profile ID flimkien mas-secret word, ikunu combined flimkien, proċess jissejjaħ ta' hash, hashing, u r-request tagħna tintbagħat iħħexxjata, tikkonverti il-hash lura fil-profile ID u s-secret word ta' dak il-particular klijent tagħna, jekk ir-request ma tkunx imbagħbsa u tkun perfetta, il-hash taqbel mal-profile ID u mas-secret word, is-sistema tagħna taċċettaha u tipproċessaha għall-bank. L-istess ħaġa tiġri wkoll meta nkunu qed nibaghtu r-risposta lura. Jiġifieri aħna nibagħtu r-risposta ħħexxjata u meta l-klijent tagħna li f'dan il-każ hu Soundmachine jirċievi r-risposta, huwa fir-responsabilità li jiċċekkja illi l-hash illi bgħattna taqbel mal-profile ID u s-secret word illi ovvajment hu għandu fis-sistema. Jekk dak jaqbel, kollox minnufih. ... meta aħna iċċekkjajna l-investigazzjoni min-naħa tagħna, rajna illi aħna, ir-risposta li tajna lura kienet li dawn it-transazzjonijiet ġew rifjutati min-naħa tal-bank, ir-raġuni għalfejn ġew rifjutati, uħud minnhom kien għaliex il-proċess tat-3D secure, biex jagħmel it-transaction iktar secure, ma kienx tajjeb jiġifieri min għamel it-transactions, jew ma daħħalx il-pin tat-3D secure jew waqqaf il-proċess tat-3D secure u aħna bgħattnieh ovvjament kif qed nispjega lura lill-klijent tagħna. Xi ħaġa illi għamilna ovvjament, wara li għamilna l-istħarriġ tagħna kollu, hija li l-Erbgħa 15 ta' Settembru, jiġifieri ġurnata wara illi kellmuna kemm Saviour Abela minn Soundmachine kif ukoll Tony Cassar minn Cyberspace, bghattna official email bil-findings tagħna u fl-email ovvjament hemiżna dak kollu illi aħna sibna bir-request kif irċevejniha u kif bgħattniha* - Dok. "DB1" a fol. 253 sa' 257 tal-proċess.

Daniel Bonnici ppreżenta wkoll dokumentazzjoni - Dok. "DB3" sa' Dok. "DB9" - li turi diversi transazzjonijiet, fosthom dawk ordnati bl-email mohammeddalwes@gmail.com, li da parte ta' Apco kienu indikati u proċessati bħala *declined.* Fir-rigward ta' transazzjonijiet li jiġu proċessati minn Apco, Daniel Bonnici xehed ulterjorment illi *meta aħna jkollna request u wasalna fil-proċess illi nibgħatu risposta lura, jiġu triggered żewġ proċessi. Proċess minnhom huwa li aħna qed nagħmlu update tas-sistema tal-kljent tagħna, li f'dan il-każ hija Soundmachine, u l-proċess l-ieħor huwa illi se nagħmlu re-direct, se nibgħatu x'imkien lill-user jew lill-card holder illi actually qiegħed iħallas it-transaction għaliex ovvjament, b'dan il-proċess niftakru illi l-user qiegħed fuq il-payment page, daħħal il-card details u qed jistenna. L-ewwel proċess, kif għadni kemm spjegajt ftit ilu jiġi triggered*

*awtomatikament u b'mod immedjat kif aħna nirċievu r-risposta mingħand il-bank. Jiġifieri the second illi l-bank jgħidilna li din it-transaction għaddiet jew m'għaddietx, aħna nibgħatuha. It-tieni proċess jiġi triggered fl-istess ħin u ovvjament il-user jiġi re-directed jew fil-page fejn jara li "Isma', it-transaction tiegħek għaddiet" jew fil-page fejn ikollu l-message li "Isma', it-transction m'għaddietx". F'dan il-proċess, fit-tieni wieħed, il-browser tal-merchant tal-card holder, fil-URL fuq, ikun qiegħed ukoll jara r-riżultat. Jiġifieri hemmhekk, b'mod tekniku, apparti l-URL tas-Soundmachine f'dan il-każ, fuq wara jiġifieri additional wara, aħna nsejħulha query string, jiżdied ir-riżultat tat-transaction. F'dan il-query string ukoll hemm marbuta l-istess hash jiġifieri l-combination ta' codes fejn il-profile ID u s-secret key li spjegajt qabel u dik ukoll irċeviha Soundmachine bħala klijent. Jiġifieri jekk tiġi manipulata, biex insejħulha hekk, jew mibudla xi ħaġa fir-risposta, kemm li aħna qed nibgħatu direttament lil Soundmachine bir-riżultat jew inkella fir-re-direction, il-proċess tas-secret word u l-hash ma jibqax validu u min qed jirċeviha suppost għandu jinduna li isma', hawnhekk ġara xi ħaġa.*

Fir-rigward tat-transazzjonijiet li Apco indikawhom bħala *declined* iżda Soundmachine irċevew risposta li *accepted*, Daniel Bonnici xehed *dawn is-sitt transazzjonijiet illi aħna rajna bħala declined u li fis-sistema tagħna qegħdin declined, wara li komplejna naraw u ninvestigaw iktar, indunajna illi r-redirection URL, dan il-proċess li għadni kemm spjegajt, ma wasalx kif aħna bgħattnieh. Jiġifieri aħna bgħattna 'result not ok' imma apparti illi ntbagħat ir-riżultat 'not ok', intbagħat ukoll fuqha stess 'result not ok'. Jiġifieri xi ħadd hawnhekk biddel minn 'ok' għal 'not ok' fir-redirection URL, fil-URL li jkun qed jidher fuq il-browser biex niftehmu u reġa' ntbagħat. Ovvjament, kif qed nipsjega, il-fatt illi sar tibdil ma baqgħetx valida l-hash tal-combination bejn il-profile ID u s-secret key. Jiġifieri hemmhekk, min irċeviha, meta suppost kellu jipprova meta jirċeviha u kellu jiċċekkja jekk il-hash taqbilx, kien hemm is-sinjal li l-hash ma tqabilx jiġifieri kellu jinduna li l-hash ma taqbilx. … Min qed jirċievi r-risposta, jiġifieri Soundmachine. Issa meta jiena qed nirreferi Soundmachine, aħna bħala Apco, bħala l-payment gateway, għandha l-agreement u l-contract u nafu li l-merchant tagħna huwa Soundmachine. Issa jekk Soundmachine qed tqabbad lil xi ħaddieħor biex jeħodlu ħsieb l-infrastruttura tiegħu, aħna ovvjament m'għandniex kuntatt miegħu, jiġifieri m'għandniex agreement miegħu.*

**Anthony Cassar**[41], Managing Director mad-ditta Cyberspace Solutions, xehed illi *aħna ilna niżviluppaw il-website ta' Soundmachine għal numru twil ta' snin, on the 13th of September tas-sena 2021 ċemplilna l-klijent jgħidilna li kien hemm xi transactions suspettużi, xi orders suspettużi. … Qaluli li kien hemm xi orders illi daħlu u ma kienx hemm flus, ma rċevewx flus u ovvjament bdejna niċċekkjaw x'inhu jiġri għax kienet stramba. … Lil Soundmachine nagħmlulu l-website bil-web development ta' soundmachine.com.mt li tinkludi an online shop, aħna nipprovdu l-programming, li nissettjaw u niddisinjaw il-website u in relation ma' din, is-sistema kif taħdem hija li meta bniedem jixtri prodott online u jagħmel checkout, at checkout il-connection tmur għand il-payment gateway li huma l-Apco u hemmhekk nistennew li nirċievu reply lura li tkun 'ok' jew 'not ok', 'approved' jew 'not approved'. Jekk aħna nirċievu li r-reply tkun 'not approved', l-order ma nagħlquhiex u l-order nimmarkawha li ma saritx u jekk nirċievu messaġġ illi l-order huwa pożittiv, jiġifieri ġiet proċessata, nimmarkaw li l-order ġiet kompluta jiġifieri l-klijent ġabar il-flus u l-order tista' tiġi pproċessata. Dak huwa s-servizz li noffru aħna.*

---

[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022, fol. 299 sa' 302 tal-proċess.

Fir-rigward tal-kwistjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, Anthony Cassar xehed illi *li kien hemm f'dan il-każ, bħal kull order oħra li tiġri, huwa li jibdew jidħlu ħafna kuljum differenti u aħna naraw jekk nirċevux dan il-messaġġ u skond il-messaġġ nipproċessaw. Meta ċemplilna l-klijent u qalilna illi kien hemm ordni illi ma rċevewx il-flus kellna nibdew niċċekkjaw għaliex kienet stramba għax is-sistema b'mod awtomatiku tibdel l-ordni biss jekk ikun hemm a positive reply li qed nirċievu aħna, jiġifieri s-sistema tibdilha. Jiġifieri aħna mhux manwalment noqgħodu nibdlu l-order status, dawn jiġru l-ħin kollu waħedhom. Ovvjament, bdejna niċċekkjaw mill-ewwel u at a certain point irrealizzajna x'kien ġara u li kien ġara kien illi l-ewwelnett kien hemm numru ta' ordnijiet differenti fejn uħud minnhom kienu ordnijiet ġenwini li tħallsu li għaddew, kien hemm ordnijiet illi għal xi raġuni l-card ġiet declined u m'għaddewx u kien hemm ordnijiet illi ġew approvati, irċevejna messaġġ illi 'ok' imma xorta l-flus ma kienux ġew ipproċessati u bdejna naraw x'kienet ir-raġuni illi ġara hekk u r-raġuni kienet illi l-messaġġ li nirċievu aħna lis-sistema biex tgħidilna illi l-ordni hija kompluta u tista' tagħlaqha, kien ġie mibdul biex jagħti l-impressjoni illi l-ordni kienet għaddiet u fil-fatt ma kinitx għaddiet. Imma aħna rċevejna li kien approvat u bdilna l-ordni li hija konkluża. Jiġifieri dak kien il-proċess. … Aħna l-klijenti jgħaddulna lista biex aħna nkunu nistgħu niċċekkjawhom u fil-fatt bdejna mbagħad niċċekkjaw x'kienu dawn it-transactions u kien hawn, skond din il-lista li għandi, ħames transactions illi kienu immarkati bħala kompluti imma l-flus ma nġabrux. Konna avżati wkoll illi waqt li kien qed jiġri dan, kien hemm xi ħadd li kien qiegħed ġol-ħanut biex jiġbor l-oġġetti, allura iktar u iktar bdejna ngħaġġlu dak il-ħin fuqha ħalli niskopru x'kienet u billi anke ġew ikkuntattjati l-Apco, għax aħna ma kellniex aċċess biex naraw il-bank account u hekk tal-klijent, ġie kkonfermat illi l-flus ma kienux daħlu u l-ordni kienet xorta mibdula li hija kompluta.* Huwa ppreżenta dokument markat Dok. "AC" a fol. 303 tal-proċess li juri t-transazzjonijiet, fosthom dawk mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-mod kif taħdem il-website ta' Soundmachine kif operata minn Cyberspace Solutions ġie ikkonfermat minn **Kieron Sciberras**[42] u kkonferma wkoll li minn verifiki li għamel mal-back-end tas-sistema ra pattern f'ċertu ordnijiet, li huma dawk li jidhru fuq id-dokument Dok. "AC" esebit minn Anthony Cassar, fejn għall-ewwel il-pagament jidher li ma jkunx għadda iżda imbagħad jidher li jkun għadda u b'hekk l-order in kwistjoni tiġi mmarkata bħala *completed*. **Janos Papp**[43], impjegat mad-ditta Cyberspace Solutions, xehed illi *we were notified that there were some orders in Soundmachine website which were marked as paid on the webshop but they didn't receive the money via the payment gateway and we checked access logs and everything we had on the server and we managed to figure out that somehow they managed to trick the system and change the response which is coming from the payment gateway to the webshop and basically there was an issue with the implementation and they managed to change the response and it marked the order as paid but they didn't pay the money for these orders.*

L-**Espert Tekniku Keith Cutajar** ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" fejn ħareġ stills minn filmati ta' CCTV cameras ta' tlett postijiet differenti, sema' xhieda ta' diversi persuni, illi effettivament xehdu dwar u spjegaw is-sistema adoperata minn Soundmachine u x'ġara fir-rigward tat-transazzjonijiet li dehru mħallsa iżda in veritá ma kienux u għamel il-konstatazzjonijiet relattivi. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11

---

[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022, fol. 304 sa' 306 tal-proċess.

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2022, fol. 601 u 602 tal-proċess.

ta' Mejju 2022[44], l-Espert Tekniku Keith Cutajar xehed illi *dan huwa każ klassiku ta' dak li ngħidulu man in the middle attack. Jiġifieri fejn għandek żewġ sistemi li huma ta' l-Apco, jiġifieri tal-payment service provider, u s-sistema tas-Soundmachine mibnija minn Cyber Solutions, li waqt il-komunikazzjoni tagħhom jidħol persuna kriminali biex insejħulu hekk u bażikament ibagħbas jew jinġektja code accordingly bejn dawn is-sistemi. Għalhekk ngħidulhom man in the middle. F'din it-tip ta' ċirkostanza ħarġet ċara … illi l-Apco kienu talbu proċedura partikolari kif sistema terza tikkomunika mas-sistemi tagħhom. Ovvjament, l-Apco, bħala payment service provider huwa regolat u hemm diversi standards li timxi magħhom għall-fini ta' security. Issa għall-fini ta' dawn il-mekkaniżmi, l-Apco speċifikat eżatt kif għandu jsir l-interaction bejn dawn is-sistemi u milli ħareġ huwa li s-soċjetà Cyber Solutions kienet naqset milli tiddokumenta xi features partikolari ta' sigurtà. Għaldaqstant, kienet pjuttost faċli meta wieħed jaraha, ovvjament aħna qed narawha post-mortem, jiġifieri meta wieħed qed jagħmel l-analiżi ta' l-injections u hekk kif saru, li wieħed jista', ċertu dettalji jara bħall-IPs eċċ, jibgħat commands lis-sistema ta' Cyber Solutions ta' Soundmachine jiġifieri bħalissa tal-ħanut, u twettaq ordni b'suċċess mingħajr pagament imma tagħtihom x'tifhem li l-pagament għadda peress li mhijiex is-sistema illi tħaddem dawn l-affarijiet kollha u għaldaqstant, aħna meta bdjena nwettqu l-analiżi u ħriġna logs, anke identifikajna IPs fejn intużaw, jiġifieri primarjament qed nitkellmu fuq IP tal-Melita li Jiena tlabt ukoll data mill-istess service provider tiegħu u anke ta' soċjetà oħra, ta' Epic, biex nidentifikaw x'ġara u x'ma ġarax u min kien is-sid ta' dan l-IP. Minn hemmhekk ukoll identifikajna, anke mil-logs tas-sistemi, x'kien id-device li ntuża' w identifikajna li kien mobile li bażikament kien qed iħaddem dawn l-istess commands eċċ u minn hemmhekk ovvjament wasalna għal diversi konklużjonijiet. … IP huwa li bażikament aħna nidentifikaw x'connection intużat x'indirizz elettroniku kellu dak il-persuna partikolari. Ovvjament jiena ma nkunx naf jekk huwiex Keith jew hekk huwiex xi ħadd ieħor eċċ. Imbagħad minn hemmhekk jibdew isiru iktar talbiet. Dan l-IP kien hemm it-talba u anke min-naħa tas-soċjetà Melita pprovdietli l-istess dokumentazzjoni. Dak l-IP partikolari u se nikkwota biex inkunu eżatt, l-IP huwa 94.17.102.158 u dan huwa l-indirizz li jipprovdu min-naħa tal-Melita, il-public IP. Dak ipponta fuq ċertu persuna li jismu Joseph Camilleri li jirrisjedi ġewwa "Ikaria" 8, Triq l-Eġew, San Ġwann, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru partikolari 617955(M). Dan huwa l-persuna li bażikament, dak iż-żmien, kellu l-ownership ta' dak l-IP. Din hija informazzjoni pprovduta min-naħa tal-Melita jiġifieri ovvjament, jiena s'hemmhekk nista' nasal. Jiġifieri bil-logs tas-sistema meta qed naraw ċertu transazzjonijiet isiru jkolli l-IP, ikolli dik il-mobile browser jiġifieri min kien qed iħaddem kien fuq il-mobile imbagħad minn hemmhekk kien hemm address li tlabtu mingħand is-service provider. Iktar minn hekk ovvjament jiena ma nkunx nista' nasal għax hemmhekk imbagħad ovvjament tirrikjedi wkoll tfittxijiet li huma fiżiċi li huma out of my limit.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, matul il-jum tat-13 ta' Settembru 2021 u fil-ġranet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u/jew kif ukoll b'xi mod li jkun, xjentement għen, jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat: (1) B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi

[44] Fol. 308A sa' 308E tal-proċess.

għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'valur ta' aktar minn €5,000 bi ħsara ta' ħaddieħor, u cioè ta' Sound Machine Co. Ltd.

Din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Awwissu 2023[45], fejn hemm indikati l-Artikoli 18, 42(d), 308, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'din l-imputazzjoni partikolari l-imputat kjarament qed jiġi mixli bil-kompliċità fir-reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-fini ta' l-elementi li jsawru dan ir-reat issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011, fejn ġie osservat illi *biex jissussti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati tagħna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u cioè bejn minn qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioè l-użu ta' ingann jew raġġiri li jwasslu lil vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Farrugia et**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2011, ġie osservat illi *fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegħ għall-aġent … jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Agius et**, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2021, ġie osservat illi *dak li jikkostitwixxi "raġġiri" u "artifizji" li huma meħtieġa biex jiġi ravviżat ir-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei "… artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realtà effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando … cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. …. È certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera". Ġie kostantement ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, "affermazzjonijiet, lużingi u promessi", mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Madanakollu, fl-istess waqt, dawn ir-raġġiri jew artifizzji li jiġu impjegati mill-aġent tar-reat m'għandhomx għalfejn ikunu "… xi haġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet'*[46]*. Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad: "…. illi jrid*

[45] Fol. 664 tal-proċess.

[46] Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.

*jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."*[47]

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, jirriżulta b'mod ċar u lil hinn minn kull dubju raġonevoli li s-soċjetà Sound Machine Company Limited sfat vittma tar-reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li seħħ fil-perijodi bejn is-7 ta' Settembru 2021 u t-13 ta' Settembru 2021.

Mix-xhieda tad-diversi persuni li xehdu f'dawn il-proċeduri, kemm rappreżentanti u impjegati tas-soċjetà Sound Machine Company Limited kif ukoll rappreżentanti u impjegati tad-ditti Cyberspace Solutions u Apco Systems Limited, kif ukoll mir-Relazzjoni u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar, jirriżulta li tul il-perijodu imsemmi, persuna u/jew persuni li jidher li baqgħu mhux definittivament identifikati (dan il-Qorti qed tgħidu konsapevoli tal-fatt li l-imputat qed jiġi mixli bħala kompliċi fit-twettiq ta' dan ir-reat u mhux bħala awtur jew wieħed mill-awturi) infiltraw, permezz ta' mobile device u bl-utilizz ta' IP address jgħajjat lil ċertu Joseph Camilleri residenti San Ġwann, is-sistema tad-ditta Cyberspace Solutions, li tieħu ħsieb u tamministra l-website tal-ħanut Soundmachine, inkluż is-sistema ta' online shopping, għamlu diversi ordinijiet għal *devices* elettroniċi, "effettwaw" il-ħlas permezz ta' credit card/s u għalkemm il-payment service provider tas-soċjetà Soundmachine Company Limited, ossia Apco Systems Limited, indika li l-ħlas ma għaddiex, b'xi mod il-messaġġ mibgħut minn Apco lil Cyberspace f'dan is-sens ġie mibdul għal messaġġ li l-ħlas ġie effettwat b'suċċess bil-konsegwenza li l-impjegati tal-ħanut Soundmachine, infurmati b'dawn l-ordnijiet "imħallsa", ipproċessaw l-istess ordnijiet u bħala fatt l-ordnijiet, ħlief għal dak tat-13 ta' Settembru 2021 u għal dak li jirrigwarda dawn il-proċeduri, inġabru mill-istess mill-ħanut.

Ma hemmx dubju għalhekk li f'dan il-każ kjarament jissussistu l-elementi meħtieġa għar-reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: (1) in-ness bejn is-suġġett attiv (ossia l-persuna/persuni li nfiltraw is-sistema tad-ditta Cyberspace Solutions li tamministra l-website tal-ħanut Soundmachine) u s-suġġett passiv tar-reat (ossia s-soċjetà Sound Machine Company LImited); (2) l-użu tar-raġġiri li wasslu lil Sound Machine Company Limited issofri telf patrimonajli - l-oġġetti ordnati ġew konsenjati mingħajr ma in verità kienu mħallsa, u dana versu telf komplessiv ta' €47,060[48]; (3) hemm ukoll id-dolo da' parte tal-persuna/persuni li ngannaw lis-soċjetà msemmija sabiex kisbu vantaġġ għalihom - bħala fatt tlieta mill-erba' ordnijiet effettwati nġabru mill-imputat u ingħataw lil terza persuna fi tlett *delivery points* differenti.

L-imputat però ma huwiex qed jiġi mixli bħala awtur jew ko-awtur tar-reat in kwistjoni iżda bħala kompliċi fit-twettiq ta' tali reat u senjatament bħala kompliċi ai

[47] Il-Pulizija v. Charles Abela, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2016.

[48] Dan huwa l-valur ta' l-oġġetti kollha, inklużi dawk miġbura mill-imputat, li ġew ordnati iżda mhux imħallsa, u miġbura mill-ħanut Soundmachine hekk kif jirriżulta mid-dokumenti Dok. "SA1" u Dok. "SA2" a fol. 58 u 59 tal-proċess.

termini ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija - ... (d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat.*

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel. Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta imputazzjoni ta' kompliċità f'reat imwettaq minn persuna oħra huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jrid jirriżulta sodisfaċentement pruvat mill-Prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament għenu biex hekk iwettaq id-delitt billi għamel xi ħaġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa' (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-sempliċi fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf x'kellu f'moħħu. ... Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista' tammonta għall-kompliċità f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirriżulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[49].

Dejjem in tema ta' kompliċità l-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *a man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[50].

Issir referenza wkoll għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tran Manh Hung, Appell Nru. 792/2023** deċiża fit-13 ta' Settembru 2024: *u tabilħaqq, il-liġi tikkunsidra bħala kompliċi lil min, fost każi oħra, b'xi mod li jkun, xjentement jgħin jew jassisti l-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew konsumat; imma għas-soluzzjoni tal-punt jekk tirrikorrix din tal-forma ta' komplicità, għandu jinżamm preżenti l-prinċipju illi ma hux meħtieġ li jiġi pruvat li kien hemm xi pre-konċert formali u preliminari bejn l-eżekuturi tal-fatt delittuż u l-kompliċi, minn dejjem segwit fis-sistema legali Maltija, u l-prinċipju l-ieħor illi l-fatt li żewġ persuni jew aktar ikunu qegħdin jaġixxu flimkien u in komun għall-eżekuzzjoni ta' skop apparentement kriminali hu ħaġa li tiġi argumentata, u tista' tirriżulta mill-attijiet singoli ta' dawk il-persuni; anzi rarament jissuċċiedi illi l-fatt attwali tal-kumpannija jista' jigi pruvat b'xhieda diretti, billi ftehim simili użwalment isir bil-ħeffa u segretezza; u għalhekk issir neċessarja l-prova ndizjarja*[51].

---

[49] Il-Pulizija v. Lorita Pace, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2014 (varjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza pronunċjata fis-27 ta' Frar 2017 - id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-imputazzjoni ta' kompliċità ġiet ikkonfermata fl-appell), fejn ġew ċitati s-segwenti sentenzi: Il-Pulizija v. Shirley Chircop, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2002, Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Carmelo Agius, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2002.

[50] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

[51] Il-Pulizija v. Agatha Barbara et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Ġunju 1958.

Fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, b'mod partikolari mix-xhieda ta' l-Ispettur Christabelle Chetcuti dwar dak li stqarr l-imputat waqt l-istqarrija tiegħu, u mill-istess stqarrija ta' l-imputat esebita bħala Dok. "CC3" a fol. 11 sa' 14 tal-proċess, il-Qorti hija morlament u fattwalment konvinta li l-imputat kien kompliċi fit-twettiq ta' reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited.

L-elementi li fil-fehma tal-Qorti juru li l-imputat kien hekk kompliċi fit-twettiq ta' dan ir-reat ta' frodi a dannu ta' l-imsemmija soċjetà huma s-segwenti: (i) iż-żmien meta l-imputat iltaqa' mal-persuna li nkarigah biex jiġbor u jikkonsenja l-oġġetti ordnati; (ii) il-mod kif l-imputat ikkonsenja l-oġġetti li ġabar mingħand il-ħanut Soundmachine; u (iii) il-ħlas li l-imputat irċieva għall-ġbir u konsenja ta' dawn l-oġġetti.

Jibda biex jiġi osservat li l-imputat iltaqa' mal-persuna li nkarigah jiġbor l-oġġetti mingħand il-ħanut Soundmachine bejn is-7 ta' Settembru 2021 u t-13 ta' Settemberu 2021, madwar erba' xhur qabel l-esekuzzjoni tar-reat in kwistjoni u kien f'dak l-istess żmien li għarrfu li kellu jiġbor oġġetti ordnati u ftehmu li kien se jitħallas ta' dan. L-imputat ma kkonsenjax dawn l-oġġetti f'post determinat, bħal ad eżempju residenza, ħanut, maħżen jew uffiċċju, imma kien jiltaqa' ma' din il-persuna dejjem f'postijiet differenti u jgħaddilu l-oġġetti. Darba minnhom il-konsenja saret Tas-Sliema viċin l-istabbiliment Zara, darba' oħra saret San Ġwann ħdejn l-istabbiliment Eat Well u darb' oħra addirittura saret ftit metri bogħod mill-ħanut Soundmachine stess. In fine, u hawn huwa l-iktar element li fil-fehma tal-Qorti juri li l-imputat kien kompliċi fit-twettiq tar-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, talli ġabar dawn l-oġġetti u kkonsenjahom lil din it-terza persuna - u dana ġara tlett darbiet, fis-7, fid-9 u fl-10 ta' Settembru 2021 (fit-13 ta' Settembru 2021 huwa ġie arrestat u b'hekk ma laħaqx ġabar u ikkonsenja l-oġġetti) - l-imputat tħallas permezz ta' mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 - wieħed mill-istess li nġabru mill-ħanut Soundmachine - illi jiswa' 'l fuq minn €1,000. Fil-fehma tal-Qorti dan il-ħlas huwa għal kwantu sproporzjonat meta jiġi kkunsidrat x'kellu jiġbor l-imputat mingħand il-ħanut Soundmachine u jikkonsenja lit-terza persuna; hawn qed nitkellmu fuq oġġetti li fil-maġġor parti tagħhom kienu mobile phones u l-konsenji ma sarux f'xo postijiet imbegħda, anzi darba minnhom addirittura l-konsenja seħħet ftit metri bogħod mill-ħanut minn fejn l-imputat kien ġabarhom. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalità bejn dak li għamel l-imputat u l-ħlas minnu reċepit serjament jimpinġi fuq l-allegata innoċenza tiegħu u l-allegat nuqqas ta' għarfien tiegħu dwar dak li kien qed jiġri. Ta' min jgħid ukoll li l-imputat ipprova jbiegħ il-mobile phone in kwistjoni u dana għall-prezz ta' €800, u mistoqsi għalfejn kien qed jipprova jbiegħu huwa stqarr *because I didn't need the phone but he refused to give me cash* - fattur ieħor li fil-fehma tal-Qorti juri biċ-ċar li l-imputat ma kienx sempliċement, ġenwinament u innoċentement qed jipprovdi servizzi ta' ġbir u konsenja ta' oġġetti a favur dan it-terz.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kien effettivament kompliċi fir-reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, imwettaq a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited, **iżda** tqis ukoll li l-involviment, nonche kompliċità ta' l-imputat f'din il-kwistjoni kollha hija limitata biss għall-ordnijiet magħmula taħt l-isem/email Mohammad Glawez/mohammeddlawez@gmail.com fis-7 ta' Settembru 2021, fid-9 ta' Settembru 2021, fl-10 ta' Settembru 2021 u fit-13 ta' Settembru 2021, b'din l-aħħar data l-konsenja ma tinġabarx in kwantu kif ingħad iktar 'l fuq, l-imputat ġie arrestat.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè ta' Sound Machine Co. Ltd., għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Awwissu 2023[52], fejn ġew indikati l-Artikoli Artikoli 18, 42(d), 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti din it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat ġiet hekk mogħtija kontrih b'mod alternattiv għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Ladarba l-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia tal-kompliċità fir-reat ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu tal-kumpannija Sound Machine Company Limited, hija tqis li ma għandhiex għalfejn tidħol f'din it-tieni imputazzjoni wkoll u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ u cioè mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 b'valur ta' aktar minn €1,000, misruq, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Awwissu 2023[53], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 18, 42(d), 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa evidenti li l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bir-reat ta' riċettazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' l-elementi ta' dan ir-reat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Filippa Fenech**, deċiża fit-8 ta' Mejju 1937, fejn ġie osservat li *biex jista' jingħad li l-akkuża ġiet pruvata hemm bżonn illi jirriżultaw sodisfaċentement dawn ir-rekwiżiti: 1. Illi l-oġġett li jkun imsemmi fil-każ ikun ġej mill-kummissjoni tar-reat; 2. Illi l-akkużat ikun jew irriċetta jew xtara dan l-oġġetti; 3. Illi l-imputat kien jaf illi l-oġġett kien ta' provenjenza illeġittima.*

Mill-provi prodotti rriżulta li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu wieħed mill-mobile phones - senjatament mobile tad-ditta Samsung Galaxy Z Flip 3 - li ġew ottenuti bi frodi mingħand is-soċjetà Sound Machine Company Limited, liema mobile jiswa €1,099[54]. Hekk kif irriżulta mill-provi dan il-mobile phone kien il-ħlas perċepit mill-imputat għas-sehem tiegħu fil-frodi mwettqa a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited. Ladarba nstab ukoll li l-imputat kien kompliċi f'tali frodi a dannu ta' l-imsemmija soċjetà, isegwi li huwa kien jaf, fil-mument li rċieva tali mobile phone, li l-provenjenza tiegħu kienet waħda lleġittima. Irriżulta wkoll li l-imputat ipprova jbiegħ tali mobile phone għall-prezz ta' €800.

---

[52] Fol. 664 tal-proċess.

[53] Fol. 664 tal-proċess.

[54] Vide fattura a fol. 77 tal-proċess.

Ikkunsidrati dawn il-fatturi kollha, għandu jirriżulta li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat ta' riċettazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 334(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi l-mobile phone in kwistjoni ġie, kif ingħad, mir-reat ta' frodi mwettaq a dannu ta' Sound Machine Company Limited.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Awwissu 2023[55], l-Avukat Ġenerali jindika l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment jittratta dwar il-kompliċità fit-twettiq ta' reat. In kwantu rigwarda l-imputazzjoni partikolari tar-riċettazzjoni tal-mobile phone li nstab fil-pussess ta' l-imputat, il-Qorti ma tqisx li l-imputat kien kompliċi fir-riċettazzjoni ta' dak il-mobile phone iżda huwa l-awtur ta' tali reat, fis-sens illi kien hu li konxjament irċieva l-mobile phone in kwistjoni.

Minkejja dan il-fatt però l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 467(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, xorta waħda tista' ssib lill-imputat ħati bħala awtur tar-reat ta' riċettazzjoni - ossia ħati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu - u dana billi l-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament,* ***meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja*** *ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew* ***ħatja bħala l-awtur***[56]*, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan….*

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva wkoll li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu, l-Avukat Ġenerali jindika wkoll l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu però l-Qorti tqis li b'rabta mar-reat mertu tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, dak provdut fl-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - li jittratta dwar ir-reat kontinwat - ma jsibx applikazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih, ossia għandu jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3, ai termini ta' l-Artikolu 334(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bir-**raba' u l-ħames imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli nstab fil-pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi; U aktar talli mingħajr awtorizzazzjoni, ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu datata 23 ta' Awwissu 2023[57], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 18, 42(d), 310BA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

[55] Fol. 664 tal-proċess.

[56] Enfasi tat-Tribunal.

[57] Fol. 664 tal-proċess.

Malta; u fl-Artikoli 18, 42(d), 337Ċ(1)(f)(2)(3)(4), 337F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn konsiderazzjoni akkurata tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis li il-ħtija ta' l-imputat għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet partikolari ma ġiet ippruvata bl-ebda mod. Għalkemm mix-xhieda ta' l-Espert Keith Cutajar u mir-Relazzjoni tiegħu rriżulta li r-reat ta' frodi a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited twettaq permezz ta' mobile phone - ossia ntuża mobile phone sabiex jinkiseb aċċess għas-sistema tad-ditta Cyberspace Solutions u nbidlu l-messaġġi mibgħuta lilha minn Apco Systems Limited fir-rigward ta' l-ordnijiet mertu ta' dawn il-proċeduri - ma tressqet l-ebda prova li turi li dak il-mobile phone kien ta' u/jew ġie wtilizzat mill-imputat innifsu għal tali fini. Anke fejn tidħol kwistjoni ta' IP Address, l-IP Address li ġie identifikat - u dana bħala reġistrat fuq ċertu Joseph Camilleri minn San Ġwann - ma hemm assolutament l-ebda prova li torbot dan l-IP Address u/jew l-użu li sar minnu ma' l-imputat.

Għalhekk il-Qorti ttenni li ma hemm l-ebda prova li turi li l-imputat kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni mal-frodi perpetrata a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited, u lanqas ma hemm ebda prova li turi li l-imputat mingħajr awtorizzazzjoni, ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom.

Apparte minn dan kollu osservat dwar in-nuqqas ta' prova da parte tal-Prosekuzzjoni in kwantu rigwarda l-allegata ħtija ta' l-imputat għar-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, già ġie stabbilit li l-involviment ta' l-imputat kien limitatament dak ta' *courier* ta' l-oġġetti in kwistjoni, ossia li ġabarhom mill-ħanut Soundmachine u għaddihom lit-terza persuna.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux u ma jistax jinstab ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement għandu jiġi liberat minnhom.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll in-natura tar-rwol tiegħu fit-twettieq tar-reat ta' frodi a dannu tas-soċjetà Sound Machine Company Limited, ossia li kien *courier* ta' wħud mill-oġġetti in kwistjoni, u ħadet in konsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u ma jirriżultax li wara t-twettiq tar-reati in kwistjoni huwa reġa' xellef dufriegħ mal-ġustizzja, anzi kompla bl-istudji tiegħu ġewwa l-MCAST u anke baqa' jaħdem. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tqis li minħabba r-rwol tiegħu bħala *courier* ta' uħud mill-oġġetti ottenuti bi frodi mingħand il-ħanut Soundmachine, l-istess imputat ma għandux jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà Sound Machine Company Limited id-dannu intier minnha soffert minħabba l-frodi mwettqa fil-konfront tagħha. Il-Qorti tqis però li l-imputat għandu jħallas lill-imsemmija soċjetà l-valur tal-mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 li ġie minnu perċepit bħala ħlas għar-rwol tiegħu f'din il-kwistjoni kollha. Dana l-ħlas għalhekk għandu jsir ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-

Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza li ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 532A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre l-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 23, 382A, 383, 384, 385, 386, 397, 412Ċ u 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta relattivament għall-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 42(d), 43, 44, 46, 308, 310(1)(a)(b) u 334(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u ma reġax xellef dufriegħ mal-ġustizzja iżda kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-MCAST u baqa' jaħdem, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkudanna lill-imputat iħallas lis-soċjetà Sound Machine Company Limited is-somma ta' €1,099 rappreżentanti l-valur tal-mobile phone ta' l-għamla Samsung Galaxy Z Flip 3 minnu perċepit bħala ħlas għar-rwol tiegħu bħala kompliċi fit-twettiq tal-frodi a dannu ta' l-imsemmija soċjetà. Din is-somma ta' €1,099 għandha titħallas permezz ta' sitt (6) pagamenti mensili konsekuttivi ta' €183.17 il-wieħed, bl-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fil-31 ta' Ottubru 2024 u r-rimanenti pagamenti ulterjuri u konsekuttivi sal-ħlas intier tas-somma ta' €1,099 jsiru dovuti u pagabbli fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv, b'dana li l-aħħar pagament għandu jiġi effettat fit-30 ta' April 2025. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament wieħed ta' €183.17, huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu u s-somma ta' €1,099 jew kull bilanċ dovut minnha, isir immedjatament dovut u pagabbli u s-soċjetà Sound Machine Company Limited tkun tista' tipproċedi fil-konfront tiegħu għall-esekuzzjoni ta' dan it-titolu eżekuttiv tagħha kontrih ai termini tal-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti in oltre qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' €2,624.87[58], rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar. Dan il-pagament tas-somma ta' €2,624.87 għandu jsir permezz

[58] Fol. 572 tal-proċess.

ta’ tmintax-il (18) pagament mensili konsekuttiv ta’ €145.83 il-wieħed, bl-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fil-31 ta’ Ottubru 2024 u r-rimanenti pagamenti ulterjuri u konsekuttivi sal-ħlas intier tas-somma ta’ €2,624.87 jsiru dovuti u pagabbli fl-aħħar ġurnata ta’ kull xahar sussegwenti u konsekuttiv, b’dana li l-aħħar pagament għandu jiġi effettat fit-30 ta’ April 2026. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament wieħed ta’ €145.83, is-somma ta’ €2,624.87 jew kwalunkwe bilanċ minnha jsir immedjatament dovut u pagabbli u r-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista’ jipproċedi fil-konfront tiegħu ai termini ta’ l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tapplika fil-konfront ta’ l-imputat il-provvedimenti ta’ l-Artikoli 23, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D, 532A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**